2026/1473

1.7.2026

LINJA GWIDA (UE) 2026/1473 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-4 ta' Mejju 2026

li temenda l-Linja Gwida (UE) 2022/912 dwar il-ġenerazzjoni ġdida tas-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET) (BĊE/2022/8) *(BĊE/2026/11)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2), l-ewwel u r-raba' inċiżi, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 3.1 u l-Artikoli 17, 18 u 22 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li funzjonalità ta' saldu bejn il-muniti fis-servizz ta' saldu ta' ħlas istantanju tat-TARGET (TIPS) hija konformi mal-objettivi strateġiċi tal-Eurosistema. B'segwitu għal din id-deċiżjoni, it-TIPS se tippermetti, mill-14 ta' Novembru 2026, li jintbagħtu u jiġu riċevuti pagamenti minn jew lil parteċipanti tat-TIPS li jaderixxu mal-iskema ta' Trasferiment ta' Kreditu Istantanju SEPA One Leg Out (OCT Inst) tal-Kunsill Ewropew ta' Pagament (EPC).

(2) Mill-15 ta' Ġunju 2026, se tiġi introdotta faċilità li tippermetti lill-parteċipanti jimmaniġġjaw aħjar il-likwidità tagħhom billi tippermetti trasferimenti awtomatiċi ta' likwidità bejn il-kontijiet tal-flus ewlenin (MCAs) ta' parteċipant u l-kontijiet tal-flus iddedikati għat-TIPS (TIPS DCAs) tagħhom, ladarba jkun inkiser limitu minimu jew limitu massimu stabbilit mill-parteċipant.

(3) Mill-1 ta' Lulju 2026, it-tariffi għad-detenturi ta' kontijiet ta' flus iddedikati għas-saldu gross f'ħin reali (RTGS DCAs) se jiġu emendati.

(4) Huwa meħtieġ li tiġi ċċarata l-eliġibbilità tal-parteċipanti applikanti li huma soġġetti għal miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe Stat Membru skont l-Artikolu 65(1)(b), l-Artikolu 75 jew l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li għandhom effetti kważi ta' insolvenza, biex jiġi żgurat li tali parteċipanti applikanti jiġu ttrattati b'mod proporzjonat, bid-diskrezzjoni tal-operatur tal-komponent tat-TARGET tkun minima f'dak ir-rigward.

(5) Filwaqt li huwa neċessarju li banek nazzjonali ċentrali (BĊNi) ikomplu jkollhom l-abilità skont il-kondizzjonijiet armonizzati għall-parteċipazzjoni f'TARGET biex jaċċelleraw l-obbligi ta' pareċipant meta inadempjenza tirriżulta fit-terminazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' dak il-parteċipant, il-BNĊi għandhom madanakollu jkollhom l-opzjoni li ma jaċċellerawx l-obbligi meta inadempjenza tirriżulta f'sospensjoni ta' partċipazzjoni.

(6) Jeħtieġ ukoll li jiġu introdotti ċerti reviżjonijiet editorjali fil-Linja Gwida (UE) 2022/912 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/8) ([1]).

(7) Għaldaqstant, il-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) għandha tiġi emendata kif xieraq,

([1]) Linja Gwida (UE) 2022/912 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Frar 2022 dwar il-ġenerazzjoni ġdida tas-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET) u li tħassar il-Linja Gwida BĊE/2012/27 (BĊE/2022/8) (ĠU L 163, 17.6.2022, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2022/912/oj).

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 2, għandu jiddaħħal il-punt (28a) li ġej:

   "(28a) 'L-Iskema ta' Trasferiment ta' Kreditu Istantanju SEPA One Leg Out (OCT Inst) tal-Kunsill Ewropew tal-Ħlasijiet' jew 'Skema OCT Inst';";

2. fl-Artikolu 2, jitħassar il-punt (63a);

3. L-Anness I huwa emendat b' effett mill-15 ta' Ġunju 2026 skont l-Anness I ta' din il-Linja Gwida;

4. L-Anness III huwa emendat b'effett mill-15 ta' Ġunju 2026 skont l-Anness II ta' din il-Linja Gwida;

5. L-Anness I huwa emendat b'effett mill-14 ta' Novembru 2026 skont l-Anness III ta' din il-Linja Gwida;

6. L-Anness III huwa emendat b'effett mill-14 ta' Novembru 2026 skont l-Anness IV ta' din il-Linja Gwida.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikaw dawk il-miżuri stabbiliti fl-Annessi I u II mill-15 ta' Ġunju 2026, u dawk il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 1(1) u (2) u l-Annessi III u IV mill-14 ta' Novembru 2026. Huma għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mit-18 ta' Mejju 2026.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, ir-4 ta' Mejju 2026.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

ANNESS I

L-Anness I għal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti I hija emendat kif gej:

(a) L-Artikolu 4(1) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. It-tipi ta' entitajiet li ġejjin huma eliġibbli biex isiru parteċipanti fit-TARGET-[daħħal ir-referenza tal-BĊ/pajjiż] fuq talba:

(a) istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Unjoni jew fiż-ŻEE, inkluż meta jaġixxu permezz ta' fergħa stabbilita fl-Unjoni jew fiż-ŻEE;

(b) istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti barra ż-ŻEE, sakemm jaġixxu permezz ta' fergħa stabbilita fl-Unjoni jew fiż-ŻEE;

(c) BCNi ta' Stati Membri u l-BCE;

sakemm l-entitajiet imsemmija fil-punti (a) u (b) mhumiex soġġetti għal miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe Stat Membru skont l-Artikolu 65(1)(b), l-Artikolu 75 jew l-Artikolu 215 tat-Trattat li għandhom l-effett li jissospendu jew jimponu limitazzjonijiet fuq trasferimenti jew pagamenti lil jew minn tali entità simili għal sospensjonijiet u limitazzjonijiet fi proċedimenti ta' insolvenza.";

(b) l-Artikolu 15(2) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-parteċipant jista' jagħżel li jirċievi notifika jekk jinkiser l-ammont tal-limitu minimu jew tal-limitu massimu. Barra minn hekk, għal MCAs, RTGS DCAs jew TIPS DCAs l-parteċipant jista' jagħżel li l-ksur jiskatta ordni ta' trasferiment ta' likwidità bbażata fuq ir-regoli.";

(c) fl-Artikolu 27(4), il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) kwalunkwe każ ieħor ta' inadempjenza jew avveniment imsemmi fl-Artikolu 25(2) li jkun wassal għat-terminazzjoni [daħħal jekk applikabbli: jew sospensjoni] tal-parteċipazzjoni tal-parteċipant, minkejja l-bidu ta' kwalunkwe proċediment ta' insolvenza fir-rigward ta' parteċipant u minkejja kwalunkwe ċessjoni, qbid ġudizzjarju jew qbid ieħor jew disponiment ieħor ta' jew fir-rigward tad-drittijiet tal-parteċipant,";

(2) Il-Parti II hija emendata kif gej:

(a) L-Artikolu 6(4) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. Detentur ta' MCA jista' jawtorizza li l-MCA tiegħu jiġi ddebitat fil-każ li jinkiser limitu minimu f'RTGS DCAs, TIPS DCAs jew MCAs wieħed jew aktar speċifikati fl-istess grupp ta' trasferiment ta' likwidità fit-TARGET-[daħħal ir-referenza tal-BĊ/pajjiż] jew sistema komponenti oħra tat-TARGET. Bl-awtorizzazzjoni li l-kont tiegħu jiġi ddebitat, id-detentur ta' MCA jagħti struzzjonijiet lil [daħħal l-isem tal-BĊ] biex jeżegwixxi ordni ta' trasferiment ta' likwidità bbażata fuq ir-regoli li takkredita l-RTGS DCA(s), TIPS DCA(s) jew l-MCA(s) kull meta jinkiser il-limitu minimu.";

(b) L-Artikolu 11 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

Kollateral eliġibbli għal kreditu

Il-kreditu intraday, u l-aċċess għall-faċilità ta' kreditu tas-CCP, għandhom ikunu bbażati fuq kollateral eliġibbli. Il-kollateral eliġibbli għandu jikkonsisti fl-istess assi eliġibbli għall-użu fl-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema, u għandu jkun soġġett għall-istess regoli ta' valutazzjoni u ta' kontroll tar-riskju bħal dawk stabbiliti fi [daħħal id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw il-Linja Gwida (UE) 2024/3129 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/22) (*)].

(*) Linja Gwida (UE) 2024/3129 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Awwissu 2024 dwar il-ġestjoni ta' kollateral f'operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema (BĊE/2024/22) (ĠU L, 2024/3129, 20.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/guideline/2024/3129/oj).";

(3) Parti V: jiddaħħal l-Artikolu 7a li ġej:

"*Artikolu 7a*

Ordnijiet ta' trasferiment ta' likwidità bbażati fuq ir-regoli

1. Detentur ta' TIPS DCA jista' jispeċifika ammont minimu u/jew massimu għat-TIPS DCA tiegħu.

2. Billi jistabbilixxi limitu massimu u jagħżel ordni ta' trasferiment tal-likwidità bbażata fuq ir-regoli, jekk, wara s-saldu ta' ordni ta' ħlas, tweġiba pożittiva għall-irtirar jew ordni ta trasferiment ta' likwidità, jinkiser il-limitu massimu, id-detentur ta' TIPS DCA jagħti struzzjonijiet lil [daħħal l-isem tal-BĊ] sabiex jeżegwixxi ordni ta' trasferiment ta' likwidità bbażata fuq ir-regoli li takkredita lil MCA indikat minn dak id-detentur ta' TIPS DCA. L-MCA akkreditat jista' jappartjeni għal parteċipant ieħor fit-TARGET-[daħħal ir-referenza tal-BĊ/pajjiż] jew f'sistema komponenti oħra tat-TARGET.

3. Billi jiġi stabbilit limitu minimu u tintgħażel ordni ta' trasferiment ta' likwidità bbażata fuq ir-regoli, jekk, wara s-saldu ta' ordni ta' pagament istantanju, tweġiba pożittiva għall-irtirar jew ordni ta' trasferiment ta' likwidità, jinkiser il-limitu minimu, tiskatta ordni ta' trasferiment ta' likwidità bbażat fuq ir-regoli li taddebita MCA awtorizzat mid-detentur ta' MCA. L-MCA ddebitat jista' jappartjeni għal parteċipant ieħor fit-TARGET-[daħħal ir-referenza tal-BĊ/pajjiż] jew f'sistema komponenti oħra tat-TARGET. Id-detentur ta' MCA ddebitat irid jawtorizza li l-MCA tiegħu jiġi ddebitat b'dan il-mod.";

(4) fil-Parti VII: l-Artikolu 12(1) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-detenturi ta' TIPS DCA jistgħu jużaw il-funzjoni ta' messaġġ imxandar offruta minn TIPS, li tippermetti lil detentur ta' TIPS DCA jew detentur ta' kont tekniku ta' TIPS AS jibgħat messaġġ lid-detenturi ta' TIPS DCA l-oħra kollha u lid-detenturi ta' kont tekniku ta' TIPS AS, biex jibagħtu messaġġi mxandra fil-kategoriji li ġejjin:

(a) 'Perjodu ta' waqfien immedjat';

(b) 'Tmiem immedjat tal-perjodu ta' waqfien';

(c) "Perjodu ta' waqfien ippjanat.";

(5) L-Appendiċi VI huwa emendat kif ġej:

(a) fit-taqsima 3, il-paragrafu 1, il-kliem introduttorju hu ssostitwit b'dan li ġej:

"1. Sat-30 ta' Ġunju 2026, detenturi ta' RTGS DCA għandhom jagħżlu waħda minn dawn iż-żewġ opzjonijiet ta' prezzar li ġejjin:";

(b) fit-taqsima 3, jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Mill-1 ta' Lulju 2026 detenturi ta' RTGS DCA għandhom jagħżlu waħda minn dawn iż-żewġ opzjoniiet ta' prezzar li ġejjin:

(a) tariffa fix-xahar, flimkien ma' tariffa fissa ta' tranżazzjoni għal kull ordni ta' ħlas (entrata ta' debitu).

Tariffa ta' kull xahar	EUR 400
Tariffa ta' tranżazzjoni għal kull ordni ta' ħlas	EUR 0,80

(b) tariffa fix-xahar, flimkien ma' tariffa ta' tranżazzjoni bbażata fuq il-volum ta' ordnijiet ta' ħlas (entrata ta' debitu) u kkalkulata fuq bażi kumulattiva kif stabbilit fit-tabella li ġejja. Għall-parteċipanti fi grupp ta' fatturazzjoni, il-volum fix-xahar ta' ordnijiet ta' ħlas (entrata ta' debitu) għall-parteċipanti kollha f'dak il-grupp għandu jiġi aggregat.

Tariffa ta' kull xahar			EUR 5 000
Volum fix-xahar ta' ordnijiet ta' ħlas			
Faxxa	Minn	Lil	Tariffa ta' tranżazzjoni għal kull ordni ta' ħlas (EUR)
1.	1	10 000	0,60
2.	10 001	35 000	0,50
3.	35 001	80 000	0,40
4.	80 001	135 000	0,20
5.	135 001	200 000	0,125
6.	200 001	300 000	0,08
7.	Iktar minn EUR 300 000		0,05".

ANNESS II

Fl-Anness III tad-Deċiżjoni (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8), il-punt (55) huwa mibdul b'dan li gej:

"(55) '**ordni ta' trasferiment ta' likwidità bbażata fuq ir-regoli**' tfisser ordni ta' trasferiment ta' likwidità li tiskatta bħala riżultat ta': (a) il-bilanċ fuq MCA, jew RTGS DCA jew TIPS DCA li jiksru limitu minimu jew limitu massimu ddefinit minn qabel; jew (b) nuqqas ta' fondi suffiċjenti disponibbli biex ikopru ordnijiet ta' ħlas urġenti fil-kju, ordnijiet ta' trasferiment ta' AS jew ordnijiet ta' ħlas ta' prijorità għolja fuq RTGS DCA;".

ANNESS III

L-Anness I għal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti I hija emendata kif gej:

(a) fl-Artikolu 5(1), il-punt (f) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(f) jekk ikun applikant għal TIPS DCA, ikun aderixxa mal-iskema SCT Inst billi ffirma l-Ftehim ta' Aderenza dwar it-Trasferiment ta' Kreditu Istantanju SEPA u, jekk rilevanti, ikun aderixxa mal-iskema ta' Trasferiment ta' Kreditu istantanju One Leg Out (OCT Inst) billi ffirma l-Ftehim ta' Aderenza dwar it-Trasferiment ta' Kreditu Istantanju One Leg Out;";

(b) fl-Artikolu 5(1), il-punt (g) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(g) jekk ikun applikant għal kont tekniku ta' TIPS AS, ikun ipprovda evidenza li l-ittra ta' divulgazzjoni li turi l-intenzjoni tiegħu li jkun Mekkaniżmu ta' Kklerjar u Saldu (CSM) konformi mal-SCT Inst u, jekk rilevanti, ikun CSM konformi mal-OCT Inst, ikun ġie pprovdut lill-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti (EPC);";

(c) fl-Artikolu 5(2), il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) jekk ikun applikant għal TIPS DCA, evidenza tal-aderenza tiegħu mal-iskema SCT Inst billi jiffirma l-Ftehim ta' Aderenza għat-Trasferiment ta' Kreditu Istantanju tas-SEPA u, jekk rilevanti, li jkun aderixxa mal-iskema OCT Inst billi jiffirma l-Ftehim ta' Aderenza għat-Trasferiment ta' Kreditu Istantanju One Leg Out;";

(d) fl-Artikolu 5(2), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) jekk l-applikant qed japplika biex juża l-proċedura ta' saldu TIPS AS, evidenza li pprovda lill-EPC bl-ittra ta' divulgazzjoni li turi l-intenzjoni tiegħu li jkun CSM konformi ma' SCT Inst u, jekk rilevanti, CSM konformi ma' OCT Inst;";

(e) fl-Artikolu 18(1), il-punt (b) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(b) ordnijiet ta' ħlas istantanju għandhom jitqiesu mdaħħla fit-TARGET-[daħħal ir-referenza tal-BĊ/pajjiż] u rrevokabbli fil-mument li l-fondi rilevanti fuq it-TIPS DCA tal-parteċipant jew fuq il-kont tekniku ta' TIPS AS tiegħu jkunu riżervati;";

(2) Il-Parti V hija emendat kif gej:

(a) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-detentur TIPS DCA għandu jinforma lil [daħħal l-isem tal-BĊ] qabel ma jeżerċita l-għażla tiegħu li jaċċetta ordnijiet ta' trasferiment ta' kreditu skont l-iskema OCT Inst.";

(b) fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Detentur TIPS DCA jista' jinnomina parti aċċessibbli waħda jew aktar u għandu jinforma lil [daħħal l-isem tal-BĊ] jekk xi waħda minn dawn il-partijiet aċċessibbli taċċetta ordnijiet ta' ħlas istantanju skont l-iskema OCT Inst. Il-partijiet aċċessibbli għandhom ikunu aderixxew mal-iskema SCT Inst billi jiffirmaw il-Ftehim ta' Aderenza għat-Trasferiment ta' Kreditu Istantanju tas-SEPA, u, jekk rilevanti, l-Iskema OCT Inst billi jiffirmaw il-Ftehim ta' Aderenza għat-Trasferiment ta' Kreditu Istantanju One Leg Out."

2. Detentur ta' TIPS DCA għandu jipprovdi evidenza lil [daħħal l-isem tal-BĊ] tal-aderenza ta' kull parti aċċessibbli indikata mal-iskema SCT Inst u, jekk rilevanti, l-iskema OCT Inst.

3. Detentur ta' TIPS DCA għandu jinforma lil [daħħal l-isem tal-BĊ] jekk xi parti aċċessibbli indikata ma tibqax taderixxi mal-iskema SCT Inst u/jew, jekk rilevanti, l-iskela OCT Inst u għandu, mingħajr dewmien żejjed, jieħu passi biex jipprevjeni lill-parti aċċessibbli milli taċċessa t-TIPS DCA.";

(c) fl-Artikolu 4(1), il-punt (aa), jitħassar;

(d) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Wara li ordni ta' ħlas istantanju tkun ġiet aċċettata kif stipulat fil-Parti I, l-Artikolu 17, it-TARGET-[daħħal ir-referenza tal-BĊ/pajjiż] għandha tivverifika jekk hemmx biżżejjed fondi disponibbli fuq it-TIPS DCA tal-pagatur biex isir is-saldu u dan li ġej għandu japplika:

(a) jekk ma jkunux disponibbli fondi suffiċjenti, l-ordni ta' ħlas istantanju għandha tiġi rrifjutata;

(b) jekk ikun hemm disponibbli fondi suffiċjenti, l-ammont korrispondenti għandu jiġi rriżervat sakemm jasal ir-rispons tal-benefiċjarju. Jekk il-benefiċjarju ta' ordni ta' ħlas istantanju jaċċetta, l-ordni għandha tiġi saldata u r-riżervazzjoni għandha titneħħa fl-istess ħin. Jekk il-benefiċjarju ta' ordni ta' ħlas istantanju jirrifjuta, jew ma tingħatax risposta f'waqtha, skont it-tifsira tal-iskema SCT Inst jew l-iskema ICT Inst, l-ordni tal-ħlas istantanju għandha tiġi rrifjutata u r-riżervazzjoni għandha titneħħa fl-istess ħin.";

(e) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3(b), il-[daħħal l-isem tal-BĊ] għandu jirrifjuta ordni ta' ħlas istantanju jekk l-ammont tal-ordni ta' ħlas istantanju jaqbeż kwalunkwe bilanċ tal-memorandum ta' kreditu applikabbli (CMB).";

(f) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

"1. Id-direttorju tat-TIPS huwa lista ta' BICs użati bil-għan li titwassal informazzjoni u jinkludi l-BICs ta':

(a) detenturi ta' TIPS DCA;

(b) partijiet aċċessibbli.

Id-direttorju tat-TIPS għandu jinkludi informazzjoni għal kull BIC dwar jekk id-detentur TIPS DCA jew il-parti aċċessibbli jaċċettawx ordnijiet ta' ħlas istantanju skont l-iskema OCT Inst.";

(g) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-[daħħal l-isem tal-BĊ] għandu jipproċessa ordnijiet ta' ħlas istantanju ta' detentur ta' TIPS DCA li l-parteċipazzjoni tiegħu fit-TARGET-[daħħal ir-referenza tal-BĊ/pajjiż] ġiet sospiża jew terminata skont il-Parti I, l-Artikolu 25(1) jew (2) u li fir-rigward tiegħu [daħħal l-isem tal-BĊ] irriżerva fondi fuq TIPS DCA skont l-Artikolu 6(3), il-punt (b), qabel is-sospensjoni jew it-terminazzjoni.";

(3) Il-Parti VII hija emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. [daħħal l-isem tal-BĊ] jista' fuq talba ta' AS li tissalda pagamenti istantanji skont l-iskema SCT Inst, u, jekk rilevanti, l-iskema OCT Inst u, jekk rilevanti, pagamenti kważi istantanji fil-kotba tagħha stess, jiftaħ u jħaddem kont tekniku ta' TIPS AS wieħed jew diversi. Jekk id-detentur ta' kont tekniku ta' TIPS AS jeżerċita l-għażla tiegħu li jaċċetta ordnijiet ta' ħlas istantanji skont l-iskema OCT Inst, huwa għandu jinforma lil [daħħal l-isem tal-BĊ] kif xieraq.";

(b) fl-Artikolu 1, il-paragrafi 5 u 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5. Sistema anċillari tista' tibgħat ordnijiet ta' pagament istantanji u tweġibiet pożittivi għall-irtirar lil kwalunkwe detentur ta' TIPS DCA jew detentur ta' kont tekniku ta' TIPS AS, u tista' tibgħat ordnijiet ta' pagament ta' kreditu skont l-iskema OCT Inst lil kwalunkwe detentur ta' TIPS DCA jew detentur ta' kont tekniku TIPS AS li għażel li jirċevihom.

6. Sistema anċillari għandha tirċievi u tipproċessa ordnijiet ta' pagament istantanju, talbiet għall-irtirar u risposti pożittivi għall-irtirar minn kwalunkwe detentur ta' TIPS DCA jew detentur ta' kont tekniku ta' TIPS AS. Jekk ikun informa lil [daħħal isem il-BĊ] bl-eżerċizzju tal-għażla tiegħu skont il-paragrafu 1, huwa għandu jaċċetta ordnijiet ta' pagament istantanji skont l-iskema OCT Inst minn kwalunkwe detentur ta' TIPS DCA jew detentur ta' kont tekniku ta' TIPS AS li għażel li jibgħathom.";

(c) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Wara li ordni ta' ħlas istantanju tkun ġiet aċċettata kif stipulat fil-Parti I, l-Artikolu 17(1), il-[daħħal isem il-BĊ] għandu jivverifika jekk hemmx biżżejjed fondi disponibbli fuq il-kont tekniku ta' TIPS AS tal-pagatur biex isir saldu u dan li ġej għandu japplika:

(a) jekk ma jkunux disponibbli fondi suffiċjenti, l-ordni ta' ħlas istantanju għandha tiġi rrifjutata;

(b) jekk ikun hemm disponibbli fondi suffiċjenti, l-ammont korrispondenti għandu jiġi rriżervat sakemm jasal ir-rispons tal-benefiċjarju. Jekk il-benefiċjarju ta' ordni ta' ħlas istantanju jaċċetta, l-ordni għandha tiġi saldata u r-riżerva għandha titneħħa simultanjament. Fil-każ ta' rifjut mill-benefiċjarju ta' ordni ta' pagament istantanju, jew in-nuqqas ta' rispons f'waqtu, skont it-tifsira tal-iskema SCT Inst jew l-iskema OCT Inst, l-ordni ta' pagament istantanju għandha tiġi miċħuda u r-riżerva għandha titneħħa simultanjament.";

(d) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3(b), il-[daħħal l-isem tal-BĊ] għandu jirrifjuta ordni ta' ħlas istantanju jekk l-ammont tal-ordni ta' ħlas istantanju jaqbeż kwalunkwe bilanċ tal-memorandum ta' kreditu applikabbli (CMB).";

(e) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. It-talba għall-irtirar għandha tintbagħat lill-benefiċjarju tal-ordni ta' ħlas istantanju saldata li jista' jwieġeb b'risposta pożittiva jew negattiva għat-tweġita għall-irtirar.";

(f) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Detentur ta' kont tekniku ta' TIPS AS jista' jindika parti aċċessibbli waħda jew aktar. Il-partijiet aċċessibbli għandhom ikunu aderixxew mal-iskema SCT Inst filwaqt li jiffirmaw il-Ftehim ta' Adeżjoni għat-Trasferiment ta' Kreditu Istantanju tas-SEPA u, jekk rilevanti, mal-iskema OCT Inst filwaqt li jiffirmaw il-Ftehim ta' Adeżjoni għat-Trasferiment ta' Kreditu Istantanju One Leg Out, u, jekk ikunu indirizzabbli fit-TARGET bħala detenturi ta' RTGS DCA, detenturi ta' BIC indirizzabbli jew bħala entitajiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1) tal-Parti III, wara li jkunu ġew awtorizzati jużaw RTGS DCA permezz ta' aċċess għal diversi destinatarji, huma għandu jkollhom TIPS DCA jew ikunu aċċessibbli permezz ta' TIPS DCA.";

(g) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Detentur ta' kont tekniku ta' TIPS AS għandu jipprovdi evidenza lil [daħħal l-isem tal-BĊ] tal-aderenza ta' kull parti aċċessibbli indikata mal-iskema SCT Inst u, jekk rilevanti, l-iskema OCT Inst.";

(h) fl-Artikolu 7, għandu jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Detentur ta' kont tekniku ta' TIPS AS għandu jinforma lil [daħħal l-isem tal-BĊ] jekk kwalunkwe parti aċċessibbli dežinjata ma tibqax taderixxi mal-iskema OCT Inst.";

(i) fl-Artikolu 8(1), jitħassar il-punt (d);

(j) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-direttorju tat-TIPS huwa lista ta' BICs użati għat-twassil tal-informazzjoni u jinkludi l-BICs ta':

(a) detenturi ta' TIPS DCA;

(b) partijiet aċċessibbli.

Id-direttorju tat-TIPS għandu jinkludi informazzjoni għal kull BIC dwar jekk id-detentur ta' TIPS DCA jew il-parti aċċessibbli jaċċettawx ordnijiet ta' ħlas istantanju skont l-iskema OCT Inst.";

(k) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-[daħħal l-isem tal-BĊ] għandu jipproċessa ordnijiet ta' ħlas istantanju ta' detentur ta' kont tekniku ta' TIPS AS li l-parteċipazzjoni tiegħu fit-TARGET- [daħħal ir-referenza tal-BĊ/pajjiż] tkun ġiet sospiża jew terminata skont il-Parti I, l-Artikolu 25(1) jew (2) u li fir-rigward tiegħu [daħħal l-isem tal-BĊ] irriżerva fondi fuq kont tekniku ta' TIPS AS skont l-Artikolu 4(3), il-punt (b), qabel is-sospensjoni jew it-terminazzjoni.";

(4) L-Appendiċi I huwa emendat kif ġej:

(a) fit-taqsima 4, il-paragrafu (d), it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tip ta' Messaġġ	Deskrizzjoni
Ikklerjar u Saldu ta' Ħlasijiet (pacs)	
pacs.002	FIToFIPayment Status Report
pacs.004	PaymentReturn
pacs.008	FIToFICustomerCreditTransfer
pacs.028	FIToFIPaymentStatusRequest
Immaniġġjar tal-Flus (camt)	
camt.003	GetAccount
camt.004	ReturnAccount
camt.011	ModifyLimit
camt.019	ReturnBusinessDayInformation
camt.025	Receipt
camt.027	ClaimNonReceipt
camt.029	ResolutionOfInvestigation
camt.050	LiquidityCreditTransfer
camt.052	BankToCustomerAccountReport
camt.053	BankToCustomerStatement
camt.054	BankToCustomerDebitCreditNotification
camt.056	FIToFIPaymentCancellationRequest
acmt.010	AccountRequestAcknowledgement
acmt.011	AccountRequestRejection
acmt.015	AccountExcludedMandateMaintenanceRequest
admi.004	InboundSystemEventNotification
Data ta' referenza (reda)	
reda.016	PartyStatusAdviceV01
reda.022	PartyModificationRequestV01"

(b) fit-taqsima 4, il-paragrafu (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Is-subtipi ta' messaġġi addizzjonali li ġejjin jintużaw għal ordnijiet ta' ħlas istantanju skont l-iskema OCT Inst.

Tip ta' Messaġġ	Deskrizzjoni
pacs.002.001.03	FIToFIPayment Status Report
pacs.008.001.08	FIToFICustomerCreditTransfer
pacs.028.001.03	FIToFIPaymentStatusRequest

Messaġġi relatati ma' ordnijiet ta' ħlas istantanju skont l-iskema OCT Inst se jiġu identifikati bis-suffiss XCY fil-protokoll għall-iskambju tal-messaġġi.";

(c) fit-taqsima 6, l-aħħar paragrafu mhux numerat huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Jekk ordni ta' ħlas istantanju jew tweġiba għall-irtirar pożittiva tiġi miċħuda għal kwalunkwe raġuni, id-detentur ta' TIPS DCA għandu jirċievi rapport dwar l-istatus tal-ħlas (pacs.002), kif deskritt fil-Kapitolu 4.2 tat-TIPS UDFS. Jekk ordni ta' trasferiment ta' likwidità tiġi rrifjutata għal kwalunkwe raġuni, id-detentur ta' TIPS DCA għandu jirċievi rifjut (camt.025), kif deskritt fil-Kapitolu 1.6 tat-TIPS UDFS.";

(5) Appendiċi VI huma emendat kif ġej:

(a) fit-taqsima 6, il-paragrafu (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) Għal kull ordni ta' ħlas istantanju jew risposta pożittiva għall-irtirar aċċettata minn [daħħal l-isem tal-BĊ] kif stabbilit fil-Parti I, l-Artikolu 17, tariffa ta' EUR 0,001 għandha tiġi addebitata kemm lid-detentur ta' TIPS DCA li għandha tiġi addebbitata, kif ukoll lid-detentur ta' kont tekniku tat-TIPS DCA jew TIPS AS li għandhu jiġi akkreditat, irrispettivament minn jekk l-ordni ta' ħlas istantanju jew ir-risposta pożittiva għall-irtirar tiġi ssaldata;";

(b) fit-taqsima 7, il-paragrafu (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) Għal kull ordni ta' ħlas istantanju jew risposta pożittiva għall-irtirar aċċetata minn [daħħal l-isem tal-BĊ] kif stabbilit fil-Parti I, l-Artikolu 17, tariffa ta' EUR 0,001 għandha tiġi addebitata kemm lid-detentur ta' kont tekniku tat-TIPS AS li għandu jiġi addebbitat kif ukoll lid-detentur ta' kont tekniku TIPS AS or TIPS DCA li għandu jiġi akkreditat, irrispettivament minn jekk l-ordni ta' ħlas istantanju jew ir-risposta pożittiva għall-irtirar tiġi ssaldata;".

ANNESS IV

L-Anness III għal-Linja Gwida (UE) 2022/912 (BĊE/2022/8) huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (16) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(16) '**ordni ta' trasferiment ta' flus kontanti**' tfisser kwalunkwe struzzjoni minn parteċipant jew minn parti li taġixxi f'ismu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju ammont ta' flus minn kont wieħed permezz ta' entrata fil-kotba f'kont ieħor u li tkun ordni ta' trasferiment ta' sistema anċillari, ordni ta' trasferiment ta' likwidità, ordni ta' ħlas istantanju, risposta pożittiva għall-irtirar jew ordni ta' ħlas;";

(2) il-punt (28a) li ġej huwa miżjud:

"(28a) '**Skema ta' Trasferiment ta' Kreditu Istantanju SEPA One Leg Out (OCT Inst) tal-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti**' jew '**skema OCT Inst**' tfisser skema ta' standards miftuħa li tipprovdi sett ta' regoli, standards u prattiki interbankarji li għandhom jiġu rrispettati mill-parteċipanti fl-iskema OCT Inst, li tippermetti lill-forniturі ta' servizzi ta' pagament fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) jiksbu l-interoperabbiltà għall-forniment u l-operat tal-komponent tal-Euro ta' trasferiment ta' kreditu istantanju internazzjonali;";

(3) il-punt (33) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(33) '**ordni ta' ħlas istantanju**' tfisser, f'konformità mal-iskema ta' Trasferiment ta' Kreditu Istantanju tas-SEPA (SCT Inst) tal-Kunsill Ewropew tal-Ħlasijiet jew mal-iskema ta' Trasferiment ta' Kreditu Istantanju One Leg Out (OCT Inst), ordni ta' trasferiment ta' flus kontanti li tista' tiġi eżegwita 24 siegħa kuljum fi kwalunkwe jum kalendarju tas-sena, b'saldu immedjat jew kważi immedjat u b'notifika lill-pagatur, u li tinkludi: (i) ordnijiet ta' ħlas istantanju ta' TIPS DCA lil TIPS DCA; (ii) ordnijiet ta' ħlas istantanju ta' TIPS DCA lil kont tekniku ta' TIPS AS; (iii) ordnijiet ta' ħlas istantanju ta' TIPS AS lil TIPS DCA; u (iv) ordnijiet ta' ħlas istantanju ta' kont tekniku ta' TIPS AS lil kont tekniku ta' TIPS AS;":

(4) il-punt (34) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(34) '**parti li tagħti struzzjonijiet**' tfisser entità tfisser entità li tkun ġiet indikata bħala tali minn detentur ta' TIPS DCA jew mid-detentur ta' kont tekniku ta' TIPS AS, u li titħalla tibgħat ordnijiet ta' ħlas istantanju, ordnijiet ta' trasferiment ta' likwidità u/jew tirċievi ordnijiet ta' ħlas istantanju, ordnijiet ta' trasferiment ta' likwidità f'isem dak id-detentur ta' kont jew parti aċċessibbli ta' dak id-detentur ta' kont;";

(5) il-punt (42) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(42) '**pagament kważi istantanju**' tfisser trasferiment ta' ordni fi flus kontanti li jikkonforma mal-Istandard NL għall-ipproċessar istantanju ta' trasferimenti ta' kreditu SEPA, jew mal-Iskema ta' Trasferiment ta' Kreditu Istantanju SEPA One Leg Out (OCT Inst) tal-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti;";

(6) il-punt (48) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(48) '**ordni ta' ħlas**' tfisser kwalunkwe struzzjoni minn parteċipant jew minn parti li taġixxi f'isimha biex ammont ta' flus jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' benefiċjarju minn kont wieħed permezz ta' entrata fil-kotba f'kont ieħor u li ma tkunx ordni ta' trasferiment ta' AS, ordni ta' trasferiment ta' likwidità, ordni ta' ħlas istantanju jew risposta pożittiva għall-irtirar;";

(7) il-punt (63a) huwa mħassar.